**22 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi, B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino, LL.D.**

Dr Austin Sammut noe

*versus*

Silvio Mifsud noe

## Ġurisdizzjoni - Art. 728 Tal-Kap. 12 - Eċċezzjonijiet Dilatorji - Eċċezzjonijiet Perentorji - Eċċezzjoni Ta' Nuqqas Ta' Ġurisdizzjoni - Eċċezzjoni in *Limine Litis*

*Assikurazzjoni surrogata aġixxiet għal rkupru ta' ħlas li għamlet minħabba nuqqas f'merkanzija.*

*L-ewwel Qorti iddikjarat ruħu nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet diretti kontra l-armaturi tal-vapur u fil-mertu sabet illi s-soċjetà konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma kinitx responsabli għan-nuqqasijiet. Appellat is-soċjetà attriċi u l-aggravju tagħha fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti ta'*

*Malta kien fis-sens illi din l-eċċezzjoni messha ingħatat in limine limitis bħala eċċezzjoni ulterjuri.*

*Eċċezzjoni ta' natura dilatorja hija waħda ta' effett temporanju li tipposponi l-azzjoni u mhux teskludiha għal kollox. Eċċezzjoni perentorja toqtol l-azzjoni definitivament.*

*Il-fatt illi l-konvenut ma jkunx eċċepixxa nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew kompetenza in limine limitis ma jwassax illi neċessarjament ikun issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni jew ta' kompetenza jistgħu jitqajmu anke mill-Qorti 'ex officio'.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-ewwel Qorti kienet aġixxiet fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u fil-meritu ikkonfermat is-sentenza appellata in kwantu fil-mertu ċaħdet it-talbiet diretti kontra s-soċjetà kovenuta Cargo Handling Co. Ltd.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ mogħtija fil-31 ta' Mejju, 1990, li tgħid hekk:

L-att promotorju ta' dan il-ġudizzju jgħid:-

Peress illi s-soċjetà V&F Portelli & Sons Ltd. importat ġewwa Malta *7 Pallets 'containing domestic electrical appliances and spare parts'* li ġew mgħobbija fuq il-bastiment *'Neptune Star'* minn Barcelona, Spanja (*Bill of Lading Dok A*);

Peress illi wara li din il-merkanzija kienet waslet Malta fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 1988, u nħattet minn fuq l-imsemmi vapur ġiet konsenjata lill-importatur b'diversi nuqqasijiet u danni;

Peress illi s-soċjetà assikuratriċi *'Eagle Star Insurance Company Limited'* ħallset lill-importaturi s-somma ta' sitt mija, sitta u disgħin liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm696.86) bħala kumpens għan-nuqqasijiet u danni relattivi u ġiet surrogata fid-drittijiet tagħhom (Dok B) u peress lis-soċjeta' attriċi kellha tħallas ukoll sitta u tletin liri Maltin (Lm36.00) bħala *Agency Fee* u bħala *Surveyors Fee*;

Peress li għalhekk is-soċjetà attriċi sofriet danni fl-ammont totali ta' seba' mija tnejn u tletin liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm732.84);

Peress illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli għal dawn in-danni;

Jgħidu għaliex il-konvenuti nomine, m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi;

1. tiddikjara u tiddeċiedi li huma jew min minnhom responsabbli għan-nuqqasijiet u danni imsemmija; u

2. konsegwentement, tikkundannahom jew min minnhom iħallsu s-somma ta' seba' mija u tnejn u tletin liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm732.84);

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra bonarja datata 1 ta' Diċembru, 1989, u bl-interessi legali mid-data tat-21 ta' Marzu 1989, data tal-pagament relattiv in rifużżjoni, kontra l-konvenuti nomine, li huma nġunti għas-subizzjoni;

Il-konvenuti Abela u Aquilina fil-kwalita' rappreżentattiva tagħhom eċċepew illi (a) il-merkanzija ġiet żbarkata bil-ħsarat minn fuq il-vapur *'Neptune Star'* kif jidher minn *'tally sheet'* - dokument AA; (b) li huma m'humiex responsabbli għall-ħsarat allegati u dan għat-termini tan-numru 86 tar-Regolamenti tan-

1966 dwar il-Portijiet;

Il-konvenuti l-oħra Silvio Mifsud u Adrian Mifsud, fil-kwalità li għaliha ġew konvenuti, eċċepew (a) li huma qdew fedelment l-inkarigu tagħhom u skarikaw il-merkanzija fl-istess kundizzjoni li rċevewha (b) u li f'każ li l-merkanzija sofriet xi danni waqt l-iskarikazzjoni, din ma kinitx ħtija tagħhom billi din l-operazzjoni ssir a *riskju u spejjeż ta' l-importatur u huma* m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-iskarikazzjoni;

Aktar tard, fil-kawża huma eċċepew ulterjorment, illi m'humiex responsabbli għad-danni reklamati skond l-artikolu 19 tal-polza ta' karigu billi għaddew aktar minn ħamest ijiem mill-iskarikazzjoni tal-merkanzija san-notifika lilhom u, sussidjarjament li, jekk huma responsabbli, allura hemm il-limitazzjoni msemmija fl-istess artikolu tal-polza;

Fl-aħħarnett, eċċepew in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti billi din hija eskluża mill-artikolu 3 tal-Polza ta' kariku;

Din l-aħħar eċċezzjoni trid tiġi ttrattata qabel l-oħrajn kollha;

Il-klawsola 3 tal-polza ta' karigu - dokument A - a tergo, tgħid:-

*'Any dispute arising under this Bill of Lading shall be decided in the country where the carrier has his principal place of business and the law of such country, shall apply except as provided elsewhere herein;'*

L-azzjoni preżenti qed tiġi proposta mis-soċjetà attriċi inkwantu ġiet surrogata fid-drittijiet tas-soċjeta' V&F Portelli & Sons Limited, billi din sofriet id-danni bħala importatriċi tal-

merkanzija li tagħha l-eċċipjent soċjetà kienet il-vettural. Dak it-trasport tal-merkanzija ta' V&F Portelli & Sons Limited sar mill-eċċipjenti skond dak li hemm miftiehem fil-polza ta' karigu - dokument A - u allura d-drittijiet tas-soċjetà surrogata, fil-konfront tal-vettural huma regolati mill-istess polza ta' karigu;

Il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti, ilha li ġiet deċiża fis-sens eċċepiet, almenu mill-5 ta' Frar, 1989, fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża Cesareo - vs - Denaro ne (Vol. XII.127) u spjegata u amplifikata fit-8 ta' Ġunju, 1889, f'Castagna - vs - Denaro ne, (Vol. XII.252) u kif kundizzjonata fis-6 ta' Lulju, 1911, f' Pace ne - vs - Civitelli ne *(Vol. XXI.III.71)*;

Fit-26 ta' Novembru, 1920, fil-kawża Zammit ne et - vs - Civitelli, l-Onorabbli Qorti ta' l-appell (Vol.XXIV.I.1067) filwaqt li reġgħet ikkonfermat il-ġurisprudenza msemmija, però qalet hekk:-

'.......... *una competenza elettiva deve essere opposta 'in limine litis' **e non e' ammissibile se non essendo stata eccepita in prima istanza, venisse per la prime volta dedotta in appello***', billi fin-nuqqas jitqies li l-konvenuti irrinunzja għalija;

Dan il-kliem jippermetti żewġ interpretazzjonijiet; jista' jfisser (a) illi *l-eċċezzjoni* trid tiġi avvanzata fil-**bidu tal-proċediment** *'in limite litis'* - jew li (b) l-eċċezzjoni ma tistax tingħata, fi stadju ta' appell (kif kien il-każ quddiem dik il-Qorti f'dak il-ġudizzju) jekk ma tkunx ingħatat fl-ewwel grad tal-proċediment;

Apparti, minn din l-ekwivoċità però, l-Qorti hija tal-fehma li għandu, in propositu, jsir dan ir-raġunament:-

L-eċċezzjoni in kwistjoni hija ta' natura perentorja ta' l-azzjoni quddiem dawn il-Qrati u dawn - **bħala regola** - jistgħu

jinghataw ukoll fil-Qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux ġew moghtija fil-Qorti ta' l-ewwel grad - artikolu 732 Kap. 12 - mentri huma d-dilatorji li ghandhom jinghataw fil-bidu tad-difiża - artikolu 728 Kap.12;

*L-eċċezzjoni in kwistjoni hija kontra l-ġurisdizzjoni ċjoè ta'* **inkompetenza assoluta** in kuntrast ma', u ghall-**inkompetenza relattiva** bejn id-diversi Qrati taghna. Mhix pero' assoluta fis-sens ġurisdizzjonali, in kwantu l-Qrati taghna f'każijiet bhal dawn - kieku ma kienx ghal ftehim bejn il-partijiet, kien ikollhom ġurisdizzjoni konkomitanti ma' Qrati esteri;

Mill-klassifika tat-tliet kwalitajiet ta' eċċezzjonijiet ta' inkompetenza li jistabilixxi l-artikolu 741 Kap. 12 - il-Qorti jidhrilha li ghandha taghżel dik li hemm imsemmija fis-sub-artikolu (c):-

"meta hu moghti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjah quddiem Qorti partikolari"

Billi l-Qorti tippreferixxi li **tinkludiha**, permezz ta' din l-interpretazzjoni, milli **tohloq** hi, kap iehor ta' klassifika - ċjoè r-raba' wiehed;

U billi - kif intqal - l-eċċezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fi grad ta' appell - skond l-artikolu 732 (1) Kap. 12, din il-Qorti ma tarax kif tista, bir-rispett kollu taqbel, ma' l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, ammenocche', ma tirritenix preċedentement, li din l-eċċezzjoni hija sempliċement **dilatorja** tal-ġudizzju; haġa però li hija diffiċli ghaliex in-nuqqas *ta' ġurisdizzjoni anki relattiva - kif spejegat fuq - xorta wahda* toqtol l-azzjoni u mhux sempliċement tirritarda;

Il-Qorti tara li ghandha ghal din il-fehma taghha, l-analoġija shiha li toffri l-liġi fil-każ ta' l-eċċezzjoni ta' Arbitraġġ, kif

kontemplata u riżoluta fl-artikoli 968 u 970 (2) (a) (b) u (c) Kap. 12;

Għalhekk għal dak li jirrigwarda l-azzjoni proposta kontra l-konvenuti Silvio Mifsud u Adrian Micallef fil-kwalità rappresentattiva tagħhom - din ma tistax tissussisti;

Ikkunsidrat - fil-konfront tal-konvenuti l-oħra:

Mill-provi - dokument A4 - jidher li dawn irċevew mingħand il-bastiment, meta dan skariga, s-seba' balal *(pallets)* in kwistjoni, tnejn li kienu danneġġjati u bin-nieqes, u l-konvenuti mbagħad ikkonsenjaw lill-importatur, il-merkanzija kif irċevuha - ċjoè b'żewġ balal danneġġjati - dokument VPI - għal liema raġunijiet dawn il-konvenuti ma jistgħux jiġu ritenuti responsabbli għall-ħsara li għaliha ħallset b'surroga, is-soċjetà attriċi;

Għalhekk il-Qorti (a) tiddikjara ruħha inkompetenti li tkompli tisma l-kawża proposta mis-soċjetà attriċi kontra l-armaturi tal-bastiment *Neptune Star* inkwantu dan il-konvenut għandu jiġi mħarrek fil-Qorti proprja tiegħu barra minn dawn il-Gżejjer, u peress li din l-eċċezzjoni ngħatat fi stadju inoltrat tal-kawża, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet ; u (b) tiddikjara lis-soċjetà ***The Cargo Handling Company Limited*** mhux responsabbli għad-danni sofferti mill-importatur, li għalihom għamlet tajjeb, b'surroga ta' drittijiet, is-soċjetà attriċi; spejjeż għall-istess soċjetà attriċi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrespinġi l- eċċezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas tal-ġurisdizzjoni tal-konvenuti nomine Silvio Mifsud u Adrian Mifsud kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine Godwin Abela u Alfred Aquilina, u tilqa' t-talba tiegħu fil-konfront ta' dawn ta' l-aħħar, bl-ispejjeż taż-żewġ

istanzi, kontra l-konvenuti appellati, u, jekk ikun il-każ, tirrinvija l-kawża quddiem l-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti Silvio Mifsud u Adrian Mifsud nomine li biha esponew ir-raġunijiet tagħhom għala l-appell interpost għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred Aquilina nomine li biha huma wkoll issottomettaw illi l-appell interpost għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Trattat l-appell;

Ikkonsidrat;

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni u jekk għandiex *titqajjem in limine litis*;

Skond l-appellant, l-artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddikjara illi l-eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja għandhom jitqajjmu in *limine litis*. L-eċċezzjoni ta' inkompetenza hija eċċezzjoni ta' natura dilatorja, dan għaliex l-effetti tagħha huma biss temporanji b'mod li jipposponu l-azzjoni u mhux jeskluduha għal kollox. Dana kontra l-effetti ta' l-eċċezzjonijiet perentorji li joqtlu l-azzjoni definittivament. L-appellant ikompli jżid illi l-artikolu 731 tal-Kap. 12, għalkemm jistabilixxi illi hemm xi eċċezzjonijiet li jistgħu jitqajjmu fi kwalunkwe stadju, jipprovdi però li eċċezzjoni għandha titqajjem fl-istadju meta l-kawża tagħha tiġi magħrufa jew meta huwa prattikabbli li titqajjem. Fil-każ odjern, skond l-appellant, il-kawża tinsab fil-polża ta' kariku li kienet teżisti sa ferm qabel ma ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.

Minħabba f'hekk l-appellant jissottometti li l-konvenuti Mifsud nomine kienu ferm tardivi fil-preżentata ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, u dan proprju wara li kienu għalqu l-provi u wara li l-istess konvenuti kienu ppreżentaw żewġ noti ta' eċċezzjonijiet. Minħabba f'hekk huwa jissottometti li m'għandux ikun hemm dubbju illi huma kisru l-provvedimenti fl-artikolu 728 tal-Kap. 12 u sottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-aggravju għar-raġunijiet li ġejjin;

Fl-ewwel lok ma taqbilx il-għaliex il-konsegwenza għall-fatt li konvenut ma jkunx eċċepixxa in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew kompetenza meta għandu jeċċepiha, u fil-każ li għandha tiġi eċċepita in *limine litis*, ma jkunx eċċepiha f'dak l-istadju, m'hijiex neċessarjament illi allura jkun issottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tkun. Dana qed jingħad prinċipalment għal żewġ raġunijiet, l-ewwel għax waħda mhux neċessarjament issegwi għall-oħra, u t-tieni għaliex fi kwalunkwe każ, kif sewwa ġie osservat fir-risposta ta' l-appell, kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni u ta' nuqqas ta' kompetenza jistgħu jitqajjmu anke mill-Qorti ex officcio;

Kwantu jirrigwarda n-natura ta' din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u cjoe' jekk hijiex waħda dilatorja jew perentorja, evidentement l-appellant qed jikkonfondi l-kwistjoni ta' meritu u kwistjoni ta' azzjoni. Dak illi qalet l-ewwel Qorti huwa fis-sens illi l-eċċezzjoni in kwistjoni hija ta' natura perentorja ta' l-azzjoni quddiem dawn il-Qrati u dana qalitu biex tispjega illi effettivament setgħet tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti msemmija;

L-appellanti ssottometta u għamel ukoll sottomissjonijiet għal dik li fir-rigward ta' dik li hu jsejjaħ l- '*jurisdiction clause*' u filwaqt li għamel referenza għal xi ġurisprudenza ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti tal-Kummerċ, appella għall-applikazzjoni tal-prinċipju lli ġie diversi drabi addottat mill-Qrati tagħna u ċjoè illi

għalkemm tkun teżisti klawsola li tistabilixxi Qorti estera bħala Qorti kompetenti biex tisma u tiddeċiedi l-vertenzi bejn il-kontendenti, il-Qrati tagħna jassumu ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu l-istess meta huwa aktar konvenjenti li jsir hekk, milli jiġu istitwiti proċeduri f'pajjiż esteru, tenut kont ta' per eżempju, l-merkanzija, il-konsennatarju, il-kuntrattur u l-faċilità biex il-vertenza tiġi determinata;

Kwantu jirrigwarda din is-sottomissjoni, din il-Qorti tirrileva illi huwa veru illi ngħataw minn dawn il-Qrati numru kbir ta' sentenzi fejn ġie ritenut li f'ċerti każijiet fejn hu aktar konvenjenti u spedjenti li jsir hekk, speċjalment minħabba l-possibilità ta' smigħ ta' xhieda hawn Malta, il-Qrati tagħna, għandhom kull dritt illi jistabilixxu li għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu dik il-vertenza, però dawn is-sentenzi wieħed isib biss dikjarazzjoni f'dan is-sens, u ċjoè dikjarazzjoni li l-Qrati Maltin jistgħu ikunu kompetenti li jisimgħu il-kawża u jikkonstataw il-ħsarat allegati minn min ikun qed jippretendihom, u li jiddikjaraw ukoll fuq min taqa' r-responsabbilità għal dawn il-ħsarat però qatt ma pproċedew biex jikkundannaw lill-konvenuti sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mill-atturi;

Hi x'inhi, effettivament, mill-korp tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet proprju dan, u ċjoè li kwantu jirrigwarda kostatazzjoni ta' fatt ta' responsabbilità almenu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta *Cargo Handling Limited,* għamlet il-kostatazzjonijiet neċessarji fil-limiti ta' kompetenza illi dawn il-Qrati addottaw f'ċirkostanzi simili kif spjegat aktar 'il fuq, u din il-Qorti ma jidhriliex għalhekk illi s-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-ewwel Qorti kellha tmur oltre dan, għandha tiġi konsidrata favorevolment;

Kwantu jirrigwarda l-konvenut l-ieħor, ċjoè s-soċjetà S. Mifsud & Sons Ltd., bħala aġenti ta' *Neptunes Lines* armaturi tal-bastiment *Neptune Star*, din il-Qorti ma jidhriliex illi għandha

tiddisturba d-diskrezzjoni li eżerċitat l-ewwel Onorabbli Qorti nkwantu dehrilha li tiddikjara li ma kelliex ġurisdizzjoni speċjalment tenut kont illi dan kien proprju l-akkordju konvenut bejn l-importatur u l-armatur;

L-appellant, fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu għamel ukoll sottomissjonijiet in kwantu jirrigwarda l-parti tas-sentenza appellata fejn iddeċidiet illi s-soċjetà konvenuta *Cargo Handling Co. Ltd.* ma kinitx responsabbli għall-ħsarat kawżati fil-merkanzija. Huwa jissottometti illi peress li l-ewwel Onorabbli Qorti għażlet li tiddeċiedi f'daqqa l-kwistjoni preliminari tal-ġurisdizzjoni fil-konfront tal-konvenuti Mifsud nomine u l-kwistjoni fil-meritu u fil-konfront tal-konvenuti Abela u Aquilina, huwa ħass li kien qed jiġi kostrett jappella wkoll mis-sentenza in kwantu din illiberat lill-konvenuti Abela u Aquilina, sabiex jekk jintlaqa' l-appell tiegħu ikun hemm eventwali sentenza waħda u komprensiva fil-meritu kontra l-konvenuti kollha;

Attwalment f'dan ir-rigward din il-Qorti ftit għandha xi tgħid, infatti, bl-istess argumenti ta' l-appellant, l-ewwel Qorti kellha l-poter ġurisdizzjonali li tinvesti l-kwistjoni kwantu jirrigwarda l-konvenuti Godwin Abela u Alfred Aquilina in rappresentanza tas-soċjetà *Cargo Handling Co. Ltd.*, peress illi kwalunkwe responsabbilita' da parti ta' din is-soċjetà kienet toriġina minn Malta u mill-liġi Maltija, u għalhekk ma kienx hemm u ma setax ikun hemm kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni fil-konfront tagħhom;

Jidher illi l-appell lis-sottomissjoni ta' l-appellant hija fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-*Cargo Handling Co. Ltd.* kienet totalment responsabbli għall-ħsarat fil-merkanzija;

Kollox konsiderat però, u minn eżami tal-provi relattivi,

din il-Qorti tara li ma tistax taqbel ma din is-sottomissjoni inkwantu huwa ovvju mill-provi lis-Soċjetà *Cargo Handling Co. Ltd.* kkonsenjat dak li rċeviet u fl-istat li rċevietu, u għalhekk ma tistax tkun responsabbli għall-ħsarat li evidentement kienu pre-eżistenti u ċertament responsabbilità ta' ħaddieħor;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu ta' l-appellant nomine.